**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019**

**Rikors nru: 342/2019 AGV**
**AB (ID nru:809160M) u CB (ID nru: 153468M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt ta' **AB (ID nru: 809160M) u CB (ID nru: 153468M)** tat-23 ta' Lulju 2019, fejn ppermettew u pprezentaw is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar id-19 ta' Marzu 1991**,** fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar (dok CL 1, anness), u huma kellhom zewgt itfal u cioe' D li twieldet fis- 16 ta' Frar 1992 u E li twieldet fit- 23 ta' Ottubru 1999, illum it-tnejn maggorenni;
2. Illi l-partijiet huma legalment seperati b' kuntratt redatt min-Nutar Dr. Joseph Tabone datat 2 ta' Frar 2015;

3. Illi ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li t-talba konguta odjerna ma ghandu jkollha ebda effett/ impatt fuq il-validita' jew l-applikazzjoni tal-obbligi u klawsoli naxxenti mill-istess kuntratt ta' separazzjoni msemmi;
4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment jew arretrati dovuti f' dal-istadju la favur l-ulied u lanqas favur il-mara jew ir-ragel, stante illi l-kudizzjonijiet hekk elenkati fil-kuntratt ta' separazzjoni, kopja ta' liema qieghed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok CL 2, kollha ghandhom jigu rispettatti b' dan illi l-komparenti ragel qieghed in regola ukoll kwantu ghall-awment relattiv ghall-istess manteniment dovut;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn 4 snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi r-rikorrenti mara, ai termini tal-artikolu 62(1) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, taghzel li tirriverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe' Scerri;

Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili tal-Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kontent ta' dar-rikors kongunt qieghed jigi kkonfermat ukoll bil-gurament mill-partijiet;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registarur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-avukati tal-partijiet;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tawtorizza lil CB tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe' F.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**